MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 227/2013

**Andre Vella Borda (K.I. 298674M)**
**ezercenti l-kummerc that l-isem Eurosposa**
**Vs**
**Hannah Lucy Mcgivern**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu r-rikorrent qed jitlob is-somma ta' elf u sebgha mitt ewro (€1,700) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' libsa tat-tieg mibjugha lill-intimata fuq ordnijiet taghha stess (ara Dok A) liema libsa baqghet ma ngabritx minghand l-istess intimata minkejja li diga giet mitluba sabiex tigborha. Ghal kull buon fini jinghad illi l-intimata tilfet il-beneficcju taz-zmien, u r-rikorrent gie sfurzat jibda dawn il-proceduri, minhabba li l-intimata ghamlita cara li hija biddlet hsiebha u mhijiex behsiebha thallas oltre dak li ga hallset bhala parti mill-prezz; minkejja li giet interpellata thallas permezz tal-ittra bonarja datata 11 ta' Frar 2013 (Dok B) l-intimata baqghet inadempjenti; bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta in subizzjoni u bl-imghaxijiet skont il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimata prezentata fl-14 ta' Mejju, 2013 fejn eccepixxiet illi preliminarjament qeghda tinghata l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *ratione materia* stante li din hija materja regolata taht il-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant huwa t-Tribunal tal-Konsumatur li ghandu l-kompetenza dwar il-materja *de quo* ai termini tal-imsemmi Att; illi preliminarjament wkoll, qeghda tinghata l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* peress li l-konvenuta ghandha kawza fuq il-mertu prezenti quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur, liema proċedura ggib in-numru CET102/13 u ghadha pendenti sal-lum; illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li skont l-"Order Form" stess ipprezentata mill-attur, l-ammont huwa dovut fi zmien sitt xhur mid-data tax-xiri, liema data mhijiex specifikata fl-"Order Form" msemmija; illi fil-mertu jinghad, minghjar pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhuwiex dovut stante li, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, ma gie ffirmat l-ebda kuntratt ta' bejgh bejn il-partijiet u d-dokument anness u mmarkat 'A' fit-talba promotrici mhu xejn ghajr "Order Form" li jindika l-ispecifikazzjonijiet u l-prezz tal-oggetti hemm imsemmija; illi di fatti, l-istess dokument jispecifika li huwa formola ta' <u>kuntatt</u> u mhux kuntratt, stante li dan id-dokument jistipola li huwa ordni meqjusa bhala kuntatt ta' bejgh fil-kliem "This order is a <u>contact</u> of sale"; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, tali obbligazzjonijiet fuq il-konsumatur huma espressjonijiet projbiti u jammontaw ghal att mhux gust ai termini tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ma jorbtux lill-intimata bhala konsumatrici stante li huma nulli *ab initio*; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata stess offriet kumpens adegwat lill-attur bhala sinjal ta' rieda tajba, liema offerta minn issa tigi rtirata ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; illi di piu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rimedju mitlub mill-attur huwa eccessiv meta jigi kkunsidrat illi l-libsa *de quo* kienet qeghdha fl-istabbiliment tieghu u ma saru l-ebda aterazzjonijiet fuq l-imsemmija libsa u b'hekk l-attur ma garrab l-ebda danni bl-agir tal-intimata; salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' kompetenza.

Ra l-verbal tas-seduta tas-seduta tas- 26 ta' Ġunju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut dwar:
1. il-kompetenza *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal kif ukoll;
2. l-eccezjoni ta' *lis alibi pendens* stante illi l-konvenuta ghandha kawza quddiem it-Tribunal tal-konsumatur (CET 102/13) li ghadha pendenti.
*3.* illi l-azzjoni hija intempestiva stante skont l-*order form* stess, l-ammont huwa fi zmien sitt xhur mid-data tax-xiri liema data mhijiex indikata fl-istess *order form*.

Illi mill-avviz johrog illi din it-talba titratta dwar xiri ta' libsa tat-tieg tal-valur ta' elf u seba' mitt ewro (€1,700).

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Godwin Mangion, id-direttur generali tal-MCCA. Hu kkonferma illi f'April 2013 il-kovenuta rregsitrat *complaint* mal-MCCA. Illi skont il-ligi l-partijiet huma soggetti ghall-process ta' medjazzjoni u jekk m'hemmx qbil, jinghalaq il-medjazzjoni u l-konsumatur ikollu d-dritt jiftah kawza quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi. Illi f'dan il-kaz il-konvenuta fethet kawza fid-9 ta' Mejju 2013.

Sema' x-xhieda ta' Nancy Mc Givern li kkonfermat li fethet proceduri mal-MCCA. Ikkonfermat ukoll li kienet irceviet ittra datata 11 ta' Frar biex thallas nhar it-Tnejn fit-18 ta' Frar 2013 u kkonfermat li s-somma indikata ossia elf sitt mija hamsa u tletin ewro u erbgħin centezmu (€1635.40) huwa l-prezz tal-libsa tat-tieg.

Illi fir-rigward tal-kompetenza tat-Tribunal *rationae materiae* biex jisma' u jiddeciedi it-talba, t-Tribunal ma

jaqbilx mad-difiza ghaliex d-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2) tal-kapitlu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jindika bic-car illi *money claims* kollha ghandhom jaqghu fil-kompetenza tat-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar:
*(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss* ***it-talbiet kollha ta' flus*** *ta' ammont ta' mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u* erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):

Illi nfatti l-artikolu 20 tal-ligi li jirregola t-Tribunal tal-Konsumaturi jghid illi: *Il-ġurisdizzjoni ta' tribunal ma għandhiex tkun waħda esklussiva*, konsumaturi ghandhom id-dritt jaghzlu ghandux jgib azzjoni kontra kummercjant quddiem tribunal jew quddiem il-qrati ordinarji. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sollevata m'ghandhiex applikazzjoni ghal-kawza odjerna. Tant illi din hija *money claim* u ghakemm bejn kommercjant u konsumatur jista' jssir quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar.

Illi fil-kwistjoni dwar *lis alibi pendens* it-Tribunal jaghmel riferenza ghad-disposizzjoni tal-artiklu 792 tal-Kodici tal-Procedura Civil, kapitlu 12:
*Meta titressaq kawza quddiem Qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem Qorti kompetenti ohra, l-kawza mressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dina l-Qorti l-ohra.*

Fil-kawza, Marsaxlokk Sailing Club Company vs JandH Company Limited:
*L-elementi biex tigi stabilita' dina l-eccezzjoni huma:*
*1. Li l-kawza trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qed jagixxu fl-istess kwalita' - eadem personae;*
*2. Irid ikun hemm - eadem res;*
*3. It-talbiet irid ikollhom l-istess talba - idem ius, easdem causa petendi u dawn iridu jirrizultaw "ictu oculi"*[1]

[1] Balzan vs Argento et 1.2.90 Vol LXX1V p3 p 429;
Reznikow et vs Kotivov 24.3.94 Vol LXXV111 p3 p 170;

Il-konvenuta resqet id-direttur generali tal-MCCA li kkonferma li hemm proceduri pendenti li fethet il-konvenuta stess kontra l-attur u ghalhekk l-ewwel rekwizit tal- *eadem personae* huwa stabbilit. Illi l-kwistjoni hija l-istess wahda u cioe kuntratt ta xiri *o meno* ta' libsa tat-tieg fejn thallas depozitu imma l-attur qed jippretendi li jithllas il-prezz kollu u dan abazi ta' Dok A a folio 3. Ghalhekk *eadem res* huwa ukoll l-istess. Illi l-konvenuta ddikjarat li mliet *compliant form* u li wara l-procedura tal-medjazzjoni ma waslux ghall-konkluzjoni u ghalhekk kellha tkompli bil-kawza. Illi jidher mill-atti illi l-kwistjoni bejn il-partijet hija wahda biss u cioe il-hlas tal-prezz tal-libsa tat-tieg li l-konvenuta qieghda tikkontesta u l-attur qed jippretendi l-hlas.

It-Tribunal tal-Konsumaturi huwa ghall-*claims* tal-konsumaturi biss ghalhekk il-ligi tal-konsumatur ma jhalliex lill-konsumatur jistitwixxi zewg kawzi, wiehed quddiem il-Tribunal tal-Konsumatrui u l-iehor fil-qrati ordinarji bhalma hu it-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar.

Illi l-artikolu 20(2)(c) jghid illi il-kommercjant ghandu id-dritt jaghmel kontra-talba fl-istess Tribunal. Il-ligi tipprovdi ghas-sitwazzjoni fejn, bi qbil, il-partijiet jistghu jitrasferixxu kawza quddiem il-qrati ordinarji ghal quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur. Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li gjaladarba m'hemmx ligi specjali dwar dan *lex spexjalis derogate lex generali*. It-Tribunal ihoss illi l-artikolu 792 ghandu japplika u li ghalhekk gjaladarba din il-kawza infethet wara li giet registrata *complaint* quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi dan jiehu precedenza. L-ittra li pprezentaw l-avukati tal-attur ma jista qatt isservi bhala bidu tal- proceduri.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni u; jilqa' t-tieni eccezzjoni tal- *lis alibi pendens* u jieqaf milli jiehu konjizzjoni tal-kawza u; dwar it-tielet eccezzjoni jastjeni milli jiehu konjizzjoni stante li din tinciedi dwar il-mertu tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------